Nru./No. 18,364
Prezz/Price
€4.10

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

It-Tlieta, 13 ta' Jannar, 2009
Tuesday, 13th January, 2009

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

SOMMARJU – SUMMARY

Notifikazzjonijiet tal-Gvern ..... 165 - 180
Government Notices ..... *165 - 180*

Avviżi tal-Pulizija ..... 181 - 183
Police Notices ..... *181 - 183*

Opportunitajiet ta' Impieg ..... 184 - 202
Employment Opportunities ..... *184 - 202*

Avviżi tal-Gvern ..... 203 - 209
Notices ..... *203 - 209*

Offerti ..... 209 - 238
Tenders ..... *209 - 238*

Avviżi tal-Qorti ..... 238 - 248
Court Notices ..... *238 - 248*

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 13

AVVIŻI LEGALI PPUBBLIKATI FIS-SUPPLIMENT MAL-GAZZETTA TAL-GVERN

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Avviżi Legali li ġejjin ġew ippubblikati fis-Suppliment mal-Gazzetta tal-Gvern Nri. 18,362 u 18,363 tas-6 u tad-9 ta' Jannar 2009 rispettivament.

A.L. Nru. 2 tal-2009: Att tal-2006 li Jemenda l-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Att XIV tal-2006); Avviż ta' Bidu fis-Seħħ.

A.L. Nru. 3 tal-2009: Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12); Regolamenti tal-2009 dwar Ħinijiet għall-Eżekuzzjoni ta' Mandati u Ordnijiet.

A.L. Nru. 4 tal-2009: Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12); Regolamenti tal-2009 dwar Drittijiet li iħallsu lil Irkantaturi Pubbliċi jew Sensala f'Bejgħ b'Irkant fil-Qorti.

A.L. Nru. 5 tal-2009: Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12); Regolamenti tal-2009 dwar Żmien li għandu jdum għaddej Bejgħ b'Irkant fil-Qorti.

A.L. Nru. 6 tal-2009: Att dwar l-Awtorità tad-Djar (Kap. 261); Ordni tal-2009 dwar l-Awtorità tad-Djar (Trasferiment ta' Proprjetà).

A.L. Nru. 7 tal-2009: Att dwar l-Eko-Kontribuzzjoni (Kap. 473); Regolamenti tal-2009 li jemendaw l-Ewwel Skeda li tinsab mal-Att dwar l-Eko-Kontribuzzjoni.

A.L. Nru. 8 tal-2009: Att dwar Kunsilli Lokali (Kap. 363); Ordni tal-2009 dwar Elezzjonijiet tal-Kunsilli Lokali.

A.L. Nru. 9 tal-2009: Att dwar Elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew (Kap. 467). Ordni tal-2009 dwar Elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew.

A.L. Nru. 10 tal-2009: Att dwar il-Karti tal-Identità (Kap. 258). Regolamenti tal-2009 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-ħruġ u Validità ta' Karti tal-Identità.

It-13 ta' Jannar, 2009

GOVERNMENT NOTICES

No. 13

LEGAL NOTICES PUBLISHED IN THE SUPPLEMENT TO THE GOVERNMENT GAZETTE

IT is notified for general information that the following Legal Notices were published in the Supplement to the Government Gazette Nos. 18,362 and 18,363 of the 6th and 9th January 2009 respectively.

L.N. No. 2 of 2009: Code of Organization and Civil Procedure (Amendment) Act, 2006 (Act XIV of 2006); Commencement Notice.

L.N. No. 3 of 2009: Code of Organization and Civil Procedure (Cap. 12); Time for Execution of Warrants and Orders Regulations, 2009.

L.N. No. 4 of 2009: Code of Organization and Civil Procedure (Cap. 12); Fees of Licensed Auctioneers or Brokers in Judicial Sales by Auction Regulations, 2009.

L.N. No. 5 of 2009: Code of Organization and Civil Procedure (Cap. 12); Duration of Judicial Sales by Auction Regulations, 2009.

L.N. No. 6 of 2009: Housing Authority Act (Cap. 261); Housing Authority (Transfer of Assets) Order, 2009.

L.N. No. 7 of 2009: Eco-Contribution Act (Cap. 473); Eco-Contribution Act (Amendment of First Schedule) Regulations, 2009.

L.N. No. 8 of 2009: Local Councils Act (Cap. 363); Local Councils Elections Order, 2009.

L.N. No. 9 of 2009: European Parliament Elections Act (Cap. 467); European Parliament Elections Order, 2009.

L.N. No. 10 of 2009: Identity Card Act (Cap. 258) Identity Cards (Issue and Validity) (Amendment) Regulations, 2009.

13th January, 2009

Nru. 14

IL-PRIM MINISTRU
JERĠA' LURA FUQ DMIRIJIETU

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Onor. Lawrence Gonzi, K.U.O.M., LL.D., M.P., reġa' daħal għal dmirijietu ta' Prim Ministru nhar il-Ġimgħa, id-9 ta' Jannar, 2009 u l-arranġamenti magħmulin bin-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 8 tat-8 ta' Jannar, 2009, ma baqgħux iseħħu f'dan is-sens.

Id-9 ta' Jannar, 2009
(OPM 1/2009)

No. 14

RESUMPTION OF DUTIES BY
THE PRIME MINISTER

IT is notified for general information that the Hon. Lawrence Gonzi, K.U.O.M., LL.D., M.P., resumed the duties as Prime Minister on Friday, 9th January, 2009 and that the arrangements made by Government Notice No. 8 of the 8th January, 2009, ceased to have effect accordingly.

9th January, 2009

Nru. 15

MINISTERU TAL-ĠUTIZZJA U L-INTERN

Nomina ta' President tat-Tribunal ta'
Reviżjoni Amministrattiva

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-President ta' Malta, fuq il parir tal-Prim Ministru, skont id-dispożizzjoni tal-Artikolu 8 (2) tal-Att dwar il-Ġustizzja Amministrattiva, Kapitolu 490 tal-Liġijiet ta' Malta, ħatar lill-Maġistrat Dott. Doreen Clarke LL.D., bħala President tat-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva għal perjodu ta' tliet snin b'seħħ mis-6 ta' Jannar, 2009.

It-13 ta' Jannar, 2009
(MJHA/253/2008)

No. 15

MINISTRY FOR JUSTICE AND HOME AFFAIRS

Appointment of Chairperson of the
Administrative Review Tribunal

It is notified for general information that the President of Malta, acting on the advice of the Prime Minister, in accordance with the provision of Article 8 (2) of the Administrative Justice Act, Chapter 490 of the Laws of Malta, has appointed Magistrate Dr Doreen Clarke LL.D., to act as Chairperson of the Administrative Review Tribunal for a period of three years with effect from 6th January, 2009.

13th January, 2009

Nru. 16

KUMMISSARJU GĦALL-ĠUSTIZZJA

NGĦARRFU illi skont l-Att dwar il-Kummissarji għall-Ġustizzja (Kap. 291), il-Prim Ministru approva l-ħatra bħala Kummissarju għall-Ġustizzja għal perjodu ta' sentejn, b'seħħ mit-30 ta' Ottubru 2008, tal-Avv. Dott. Kris Balzan, LL.D., u Dott. Ian Micallef, LL.D.

It-13 ta' Jannar, 2009
(MJ/5/88/II)
(OPM/141/81)

No. 16

COMMISSIONER FOR JUSTICE

IT is notified that in accordance with the Commissioners for Justice Act (Cap. 291), the Prime Minister approved the appointment as Commissioner for Justice, for a period of 2 years with effect from 30th October 2008, of Adv. Dr Kris Balzan, LL.D. and Avv. Dr Ian Micallef, LL.D.

13th January, 2009

Nru. 17

ORDINANZA DWAR L-AKKWIST
TAL-ARTIJIET GĦAL SKOPIJIET PUBBLIĊI
(KAPITOLU 88)

Emenda

NGĦARRFU b'din illi b'riferenza għan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 187 tal-1 ta' Marzu 2007, fl-istima tal-Perit Fred H. Valentino datata 17 ta' Mejju 2006, "l-art hija meqjusa in parti bħala art agrikola" hija żbaljata u kellha tiġi "l-art hija meqjusa bħala art agrikola".

It-13 ta' Jannar, 2009

No. 17

LAND ACQUISITION (PUBLIC PURPOSES)
ORDINANCE
(CHAPTER 88)

Amendment

IT is notified that, with reference to Government Notice No. 187 dated 1st March 2007, in the valuation of Architect Fred H. Valentino dated 17th May 2006, "the land is considered in part as agricultural land" is mistaken and should read "the land is considered as agricultural land".

13th January, 2009

Nru. 18

ATT DWAR IS-SIGURTÀ SOĊJALI
(KAP. 318)

Nomina ta' Arbitri

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 107 tal-Att dwar is-Sigurtà Soċjali (Kap. 318), il-Ministru għall-Politika Soċjali għoġbu jaħtar lill-Onor. Imħallef Dott. Franco Depasquale, LL.D., lil Dott. Veronica Wierda Galea Debono, LL.D., u lil Dott. Joseph Bonnici, LL.D., biex ikunu Arbitri għall-finijiet tal-imsemmi Att.

Din il-ħatra hi valida għal perjodu ta' sena b'seħħ mill-1 ta' Jannar 2009.

It-13 ta' Jannar, 2009

No. 18

SOCIAL SECURITY ACT
(CAP. 318)

Appointment of Umpires

IN exercise of the powers conferred by section 107 of the Social Security Act (Cap. 318), the Minister for Social Policy is pleased to appoint the Hon. Judge Dr Franco Depasquale, LL.D., Dr Veronica Wierda Galea Debono, LL.D., and Dr Joseph Bonnici, LL.D., to be Umpires for the purposes of the said Act.

This appointment is valid for a period of one year with effect from 1st January 2009.

13th January, 2009

Nru. 19

ATT DWAR IL-KUMPANNIJI (KAP. 386)

Avviż tar-Reġistratur għal Persuni Ġuridiċi

GĦALL-FINIJIET tal-artikolu 22(1) tat-Tieni Skeda tal-Kodiċi Ċivili u tas-subartikolu (2) tal-artikolu 353 tal-Att dwar il-Kumpaniji, ngħarrfu b'din illi l-amalgamazzjoni bejn il-Kamra tal-Kummerċ u tal-Intrapriża ta' Malta ta' 'The Exchange Buildings' (La Borsa), Triq ir-Repubblika, Valletta u l-Federazzjoni tal-Industrija ta' Malta ta' 'Casa Leone', Pjazza Robert Samut, Floriana, ġiet fis-seħħ fit-3 ta' Jannar 2009.

Illum is-sitta ta' Jannar 2009

Dott. Stephanie Pappalardo, LL.D
Reġistratur għal Persuni Ġuridiċi

No. 19

COMPANIES ACT (CAP. 386)

Notice of Registrar for Legal Persons

FOR the purposes of article 22(1) of the Second Schedule to the Civil Code and of subarticle (2) of article 353 of the Companies Act, it is hereby notified that the amalgamation of the Malta Chamber of Commerce and Enterprise of 'The Exchange Buildings' (La Borsa), Triq ir-Repubblika, Valletta and the Malta Federation of Industry of 'Casa Leone', Pjazza Robert Samut, Floriana, became effective on the 3rd January 2009.

Today the 6th day of January 2009

Dr Stephanie Pappalardo, LL.D
Registrar for Legal Persons

Nru. 20

ATT DWAR IL-ĦADDIEMA D-DEHEB U L-ĦADDIEMA L-FIDDA (ARĠENTIERA)
(KAP. 46)

IL-KUMMISSARJU tat-Taxxi Interni jgħarraf illi fid-data li tidher hawn taħt, il-prezz tad-deheb u l-fidda li fuqu huma bbażati l-valutazzjonijiet magħmulin mill-Konslu għall-Ħaddiema d-Deheb u l-Ħaddiema l-Fidda ġie ffissat għall-finijiet tal-artikolu 14 tal-imsemmi Att kif ġej:–

Data *Date*	Deheb Pur Gramma *Pure Gold* *Grams*	Fidda Pura Gramma *Pure Silver* *Grams*
13. 01. 09	€20.263	€0.288

It-13 ta' Jannar, 2009

No. 20

GOLDSMITHS AND SILVERSMITHS ACT

(CAP. 46)

THE Commissioner of Inland Revenue notifies that on the date shown hereunder, the price of gold and silver on which valuations made by the Consuls for Goldsmiths and Silversmiths are based has been fixed for the purposes of article 14 of the said Act as follows:–

13th January, 2009

Nru. 21

MINISTERU TAL-FINANZI, L-EKONOMIJA U INVESTIMENT

Għotjiet lill-Organizzazzjonijiet Volontarji fuq Spejjeż marbuta ma' Attivitajiet, Proġetti u Inizjattivi fil-Lokalitajiet

Għaliex il-gvern qed jagħraf dejjem aktar ir-rabta bejn l-istrateġija għall-iżvilupp ta' pajjiżna u l-iżvilupp sostenibbli tal-lokalitajiet tagħna, il-Ministru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment qed, għalhekk iniedi din l-iskema, sabiex organizzazzjonijiet voluntarji jkunu jistgħu jingħataw għotja marbuta mal- ispejjeż konnessi ma' attivitajiet, proġetti u inizjattivi li dawn l-organizzazzjonijiet jagħmlu fil-lokalitajiet għal-ġid tal-komunità.

SKEMA

1. Tifsir

F'din l-iskema, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xorta oħra:

'applikant' tfisser persuna residenti f'Malta li għalqet it-18-il sena fid-data ta' l-applikazzjoni jew qabel u li tkun uffiċċjalment rikonoxxuta li tirrappreżenta l-organizzazzjoni volontarja li f'isimha tkun qed tapplika għal din l-għotja.

'data effettiva' tfisser l-1 ta' Jannar, 2009;

'Malta' tfisser il-Gżejjer Maltin;

'organizzazzjoni volontarja' tfisser organizzazzjoni li tkun indipendenti u awtonoma mill-Gvern, u li tkun inħolqot jew twaqqfet:-

(a) għal skop leġittimu;
(b) bħala li ma tagħmilx profitt; u
(c) li hija volontarja;

u dan kif imfisser fid-dispozzizzjoniet ta' l-Att Dwar L-Organizzazzjonijiet Volontarji (Kap 492); u li l-istess Organizzazzjoni tkun iskritta mal-Kummissarju għal Organizzazzjonijiet Volontarji skond l-istess Att;

'riċevuta fiskali' tfisser riċevuta kif imfissra fit-Tlettax-il Skeda ta' l-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud (Kap. 406), kif sussegwentament emendat, u tinkludi kull regolament magħmul taħt l-istess Att;

'spejjeż eliġibbli' tfisser il-valur aħħari, inkluż il-VAT, fuq spejjeż direttament marbuta ma' attivitajiet, proġetti u inizjattivi li jsiru minn organizzazzjoni voluntarja f'xi lokalita' f'Malta u dan għall-ġid tal-komunita' u liema attivitajiet jkunu saru matul is-sena 2009;

2. Min jista' japplika għall-għotja taħt din l-iskema

Din l-iskema tapplika għall-infiq li jsir fuq spejjeż eliġibbli direttament marbuta ma' attivitajiet, proġetti u inizjattivi

No. 21

MINISTER OF FINANCE, THE ECONOMY AND INVESTMENT

Grants related to Expenditure incurred by Voluntary Organisations in their Activities, Projects and Initiatives in the Localities

As the government is increasingly becoming aware of the link between development strategies for our country and sustainable development of our localities, the Minister of Finance, the Economy and Investment has therefore made the following scheme that aims to give grants to voluntary organisations, related to expenditure in connection with the activities, projects and initiatives that these organisations carry out in the localities for the common good of the community.

SCHEME

1. Interpretation

In this scheme, unless the context otherwise requires:

'applicant' means a resident in Malta, who is 18 years or over on the date of application, and who is officially recognised as representing the voluntary organisation, on whose behalf such a person is applying for the grant.

'effective date' means the 1 January, 2009;

'Malta' means the Maltese Islands;

'voluntary organisation' means an organisation which is independent and autonomous of the government, and which is created or established:-

(a) for any lawful purpose;
(b) as non-profit making; and
(c) is voluntary;

and this according to the provisions of The Voluntary Organisations Act (Chapter 492); and that the same organisation is enrolled with the Commissioner of Voluntary Organisations in terms of the same Act;

'fiscal receipt' means a receipt as defined in the Thirteenth Schedule to the Value Added Tax Act (Cap.406), as subsequently amended, and also includes any regulation made by the same Act;

'eligible expenditure' means the total final costs, including VAT, involved in the expenditure incurred by a voluntary organisation in the execution of its activities, projects and initiatives carried out in any locality in Malta during the year 2009, and this for the common good of the community;

2. Area of applicability

This scheme relates to the eligible expenditure directly related to activities, projects and initiatives incurred by a

minn organizzazzjoni voluntarja f'xi lokalita' f'Malta, liema attivitajiet, proġetti u inizjattivi relattivi jkunu saru mid-data effettiva u mwettqa matul is-sena 2009.

3. Infiq li għandu jiġi rrapportat

L-infiq li għandu jiġi rrapportat huwa dwar il-valur ta' spejjeż kif huwa deskritt f'paragrafu wieħed (1) hawn fuq li jkun sar matul l-2009.

4. Kif wieħed japplika u dokumenti li għandhom jiġu provduti:

(i) Applikazzjoniet taħt din l-iskema għandhom isiru fuq il-formula murija fl- iskeda li tinsab ma' din l-iskema u għandu jkun fihom dak it-tagħrif, dettalji u dokumenti kollha kif meħtieġa fl-imsemmija formola u skond din l-iskema.

(ii) L-applikazzjonijiet għandu jkollhom meħmuża magħhom id-dokumenti li ġejjin:

(a) kopja tal-karta ta' l-Identità ta' l-applikant u tal-persuna responsabbli għall-organizzazzjoni voluntarja, jew ta' xi dokument uffiċjali ieħor fin-nuqqas ta' Karta ta' l-Identità;

(b) dokument uffiċjali maħruġ mill-organizzazzjoni voluntarja li tawtorizza l-applikant li japplika f'isem dik l-organizzazzjoni voluntarja;

(ċ) l-irċevuta/i fiskali oriġinali u invojsis kummerċjali konnessi ma' l-ispejjeż direttament marbuta ma' attivitajiet kif spjegat f'paragrafu wieħed (1) hawn fuq;

(d) f'każijiet ta' proġetti ta' natura kapitali jkun meħtieġ ukoll, ċertifikat uffiċjali maħruġ minn perit bil-*warrant* li jikkonferma x-xogħlijiet ta' natura kapitali li jkunu saru mill-organizzazzjoni voluntarja f'xi lokalita' f'Malta u dan skond il-permessi kollha meħtieġa, skond ir-regoli w il-liġijiet eżistenti, u skond il-permessi neċessarji mill-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar (M.E.P.A) u mid-Dipartiment ta' l-Artijiet kif meħtieġ, kif ukoll minn terzi persuni li l-kunsens tagħhom huwa neċessarju sabiex isiru x-xogħlijiet u l-alterazzjoniet neċessarji;

(e) fejn applikabbli, dokument uffiċjali maħruġ mis-Sindku jew Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill Lokali tal-lokalita', fejn saru l-attivitajiet, proġetti jew inizzjattivi li jikkwalifikaw għal-għotja taħt din l-iskema, liema dokument jikkonferma li tali attivitajiet, proġetti jew inizzjattivi saru bil-kunsens u għas-sodisfazzjon tal-Kunsill Lokali;

f'każijiet oħra dukument uffiċjali mahruġ minn xi awtorita' kompetenti oħra (eż. awtorita' Ekkleżjastika) li juri l-eżekuzzjoni tal-attivitajiet, proġetti jew inizzjattivi li għalihom qed issir it-talba;

(f) koppja awtentika taċ-ċertifikat ta' Iskrizzjoni mal-Kummissarju għal Organizzazzjonijiet Volontarji maħruġ skond l-Att Dwar l-Organizzazzjonijiet Volontarji

(g) kull dokument ieħor li l-Ministru responsabbli għall-finanzi jista' jitlob minn żmien ghal żmien.

voluntary organisation in any locality in Malta and which relative activities, projects and initiatives are carried out from the effective date and carried out during the year 2009.

3. Expenditure to be reported

The expenditure to be reported is in respect of the expenses as defined in paragraph one (1) above incurred during 2009.

4. Manner of application and supporting documents required:

(i) Applications under this scheme are to be made on the form set out in the schedule to this scheme and to contain all the information, details and documents as required in the said form and in terms of this scheme.

(ii) Applications are to be accompanied by the documents shown hereunder:

(a) a copy of the Identity Card of the applicant and the person responsible for the voluntary organisation or, in the absence of an Identity Card, any other official document;

(b) an official document issued by the voluntary organisation authorising the applicant to apply on behalf of that voluntary organisation;

(c) the original fiscal receipt/s and commercial invoices relating to the eligible expenditure directly related to activities as described in paragraph one (1) above;

(d) in cases relating to projects of a capital nature, an official certificate issued by a warranted architect confirming the works of a capital nature carried out by the voluntary organisation in any locality in Malta and this in conformity with all existing rules and regulations, and in accordance with the necessary permits from the Malta Environmental and Planning Authority (M.E.P.A) and from the Land Department as applicable, as well as from third parties whose consent is necessary for the necessary works and alterations to be carried out, is also required;

(e) where applicable, an official document issued by the Mayor or by the Executive Secretary of the Local Council of the locality, in which the activities, projects or initiatives qualifying for the grant under this scheme were performed, confirming that such activities, projects or initiatives were carried out as approved by, and to the satisfaction of the Local Council;

in other instances, an official document issued from another competent authority (e.g. Ecclesiastical authority) confirming the execution of the activities, projects or initiatives in respect of which the claim is being made;

(f) an authenticated copy of the Certificate of Enrolment with the Commissioner of Voluntary Organisations issued in terms of the Voluntary Organisations Act.

(g) any other document which the Minister responsible for finance may, from time to time, require.

(iii) Ikunu jikkwalifikaw għall-għotja msemmija fil-paragrafu 5 ta' din l-iskema dawk l-applikazzjonijiet biss li jkunu jikkonformaw mad-dispozizzjonijiet kollha ta' din l-Iskema.

(iv) Applikazzjonijiet taħt din l-iskema, inkluż id-dokumenti meħtieġa li jintbaghtu ma' l-applikazzjoni, għandhom ikunu indirizzati lil Ministeru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment, Madame Demandoles South Street Valletta, fi żmien *tliet xhur* mid-data ta' tlestija ta' l-attivita', il-proġett jew l-inizjattiva. Formoli ta' l-applikazzjoni jinkisbu mil-*website* www.mfin.gov.mt

5. Għotja li titħallas taħt din l-iskema

Applikanti li jikkwalifikaw jistgħu japplikaw għall-għotja ta' 15.25% fuq l- ispejjeż eliġibbli direttament marbuta ma' attivitajiet, proġetti u inizjattivi eliġibli, u dan sa għotjiet li, fit-total tagħhom, ma jeċċedux il-5,000 Euro għal kull attivita', proġett jew inizjattiva li organizzazzjoni volontarja eliġibli tkun wettqet, u dan tul is-seħħ ta' din l-iskema.

6. Ħlas tal-għotja

L-għotja titħallas lill-applikant permezz ta' *cheque* fl-indirizz li jidher fuq il-formula ta' l-applikazzjoni.

7. Validita' ta' l-applikazzjoni

Ma titqiesx li tkun saret applikazzjoni kemm-il darba din ma tkunx sħiħa u dettaljata f'kull aspett materjali tagħha u kemm-il darba ma jkunx fiha t-tagħrif kollu meħtieġ u kemm-il darba ma jkollhiex mehmuża magħha d-dokumentazzjoni mitluba fl-imsemmija applikazzjoni.

8. Tul ta' l-Iskema

Din l-Iskema tibqa' fis-seħħ għal żmien ta' sena mid-data tal-publikazzjoni tagħha fil-Gazzetta, sakemm din l-Iskema ma tiġix mitmuma permezz ta' Notifikazzjoni fil-Gazzetta u tiġġedded b'mod awtomatiku għal żminijiet oħra ta' sena l-wieħed sakemm ma tiġix mitmuma permezz ta' Notifikazzjoni fil-Gazetta..

9. Emendi ghall-Iskema

Il-Ministru responsabbli għall-finanzi iżomm id-dritt li jagħmel kull tibdil f'din l-Iskema bil-pubblikazzjoni ta' dak it-tibdil fil-Gazzetta.

10. Diżpożizzjoniet Transitorji

Applikazzjonijiet taħt din l-iskema għal attivitajiet, proġetti u inizjattivi li saru bejn l-1 ta' Jannar 2009 u data tal-pubblikazzjoni ta' dan l-avviż għandhom jitqiesu bħala applikazzjonijiet validi taħt din l-iskema. F'dawn il-każijiet, l-applikazzjonijiet kif spjegat fl-klawsola 4 għandhom jintbgħatu fi żmien tliet xhur mid-data tal-publikazzjoni ta' dan l-avviż.

SKEDA

Ara l-applikazzjoni

It-13 ta' Jannar, 2009

(iii) Only those applications that are found to conform with all the provisions of this scheme shall be eligible for payment of the grant referred to in paragraph 5 of this Scheme.

(iv) Applications under this scheme, including the documents that are to be submitted with the application, shall be submitted/sent to the Ministry of Finance, the Economy and Investment, Madame Demandoles South Street Valletta, not later than *three months* from the completion date of the activity, the project or initiative. Application forms are available on www.mfin.org .mt

5. Grant payable under this scheme

Eligible applicants may apply for a grant of 15.25% on the eligible expenditure directly related to eligible activities, projects and initiatives subject to a maximum cumulative grant of 5,000 Euro for each activity, project or initiative carried out by a qualifying voluntary organisation and this cumulative grant being applied during the application of this scheme.

6. Payment of Grant

The grant will be paid to the applicant by cheque, posted to the address shown on the application form.

7. Validity of application

An application shall not be deemed to have been submitted unless it is full and complete in all material respects and unless it contains all the information and is accompanied by all the documentation requested therein.

8. Duration of the Scheme

This Scheme shall remain in force for a period of one year from the effective date, unless terminated beforehand by a notice in the Gazette, and shall be renewed for further periods of one year unless a Notice to the contrary is published in the Gazette.

9. Amendments to the Scheme

The Minister responsible for finance shall have the right to make any amendments to this Scheme by the publication of the said amendments in the Gazette.

10. Transitory Provisions

Applications made under this scheme for activities, projects and initiatives, carried out between the 1st January, 2009 and the publication of this notice, shall be deemed to be valid applications under the scheme. In such cases, applications as per clause 4 shall be submitted within three months from the publications of this notice.

SCHEDULE

See application form

13th January, 2009

Numru ta' Referenza

Ministeru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment
Madame Desmandoles, South Street
Valletta
(Tel: 21249640/5)

APPLIKAZZJONI GĦAL GĦOTJA FUQ SPEJJEŻ RELATATI MA ATTIVITAJIET, PROĠETTI U INIZJATTIVI LI ORGANIZZAZZJONI VOLONTARJA TAGĦMEL F'XI LOKALITA' F'MALTA

Aħna _____ numri ta' I.D. _____ u li noqogħdu

_____

_____

_____

_____

f'isem _____ qed napplikaw għal għotja fuq l-

ispejjeż eliġibbi direttament marbuta ma' attivitajiet eliġibli li saru f'lokalità f'Malta minn din l-istess organizzazzjoni u kif deskritta hawn taħt (għandha tingħata deskrizzjoni qasira tal-attivita'/proġett/inizjattiva involuta u l-indirizz fejn sar il-proġett):

_____

_____

_____

_____

_____

L-isem u l-indirizz uffiċjali ta' l-organizzazzjoni volontarja huma:

_____

_____

_____

Din l-organizzazzjoni volontarja hija iskritta mal-Kummissarju għal Organizzazzjonijiet Volontarji skond l-Att Dwar l-Organizzazzjonijiet Volontarji (Kap 492).

Numru VO _____

_____
Timbru uffiċjali tal-organizzazzjoni volontarja

Isem, kunjom, firma u n-numru ta' I.D. taċ-*Chairperson*/President/Amministratur ta' din l-organizzazzjoni b'konferma ta' awtorizzazzjoni li l-pagament jista' jsir kif qed jiġi mitlub:

_____

_____

L-attivita'/progett/inizjattiva deskritta hawn fuq sar/et matul il-perjodu (niżżel id-dati li fihom bdew u tlestew dawn ix-xogħlijiet)

_____ u l-valur ta' spejjeż eliġibbli

huma ta'

Euro _____.

Qed nibgħatu wkoll id-dokumenti kollha meħtieġa biex nissostanzja din il-talba.

In-numru/i tal-irċevuta/i fiskali _____

_____

Niddikjaraw ukoll li din l-organizzazzjoni irċeviet/ma rċevitx għotja/jiet oħra b'konnessjoni ma' din l-iskema.

Jekk fl-affermattiv agħtu d-dettalji – l-għotja/għotjiet li nagħtaw, l-attività/jiet, inizjattiva/i, proġett/i involut/a, dati u numru/i ta'referenzi:

_____
_____
_____
_____
_____

Nitolbu sabiex il-għotja titħallas lura kif jidher hawn taħt:

Isem _____

Indirizz _____

_____

Din il-għotja ma tinkludix l-ebda ammont li jkun jikkwalifika bħala tnaqqis tal-VAT taħt l-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud (Kap 406) jew taħt l-*Income Tax Act*. Din l-organizzazzjoni volontarja, kif suppost u legalment rappresentata, tkun meqjusa responsabbli għat-talbiet magħmula taħt din l-applikazzjoni.

Il-Ministeru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment jista' jieħu kwalunkwe azzjoni sabiex jassigura li l-ebda għotja ma tkun saret irregolari, jew fejn ma jkunx hemm dritt għat-talba għal din l-għotja.

Aħna niddikjaraw li d-dettalji u l-informazzjoni f'din l-applikazzjoni huma korretti. Niddikjaraw wkoll li din it-talba hija waħda finali u li aħna awtorizzati biex nirċievu l-pagament f'isem _____

_____ _____
Isem ta' l-applikant Kariga fil-organizzazzjoni volontarja

_____ _____
Firma Nru tat-telefon

_____ _____
Isem ta' l-applikant Kariga fil-organizzazzjoni volontarja

_____ _____

Firma Nru tat-telefon

Data _____

Din l-applikazzjoni għandha tkun indirizzata lill-Ministeru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment, Madame Desmandoles Triq Nofs in-Nhar Valletta, flimkien mad-dokumenti meħtieġa fi żmien *tliet xhur* mid-data tat-tlestija tal-proġett/inizjattiva/attivita'.

Id-dokumenti hawn taħt imsemmija huma meħtieġa:-

(i) Kopji tal-Karti ta' l-Identita' ta' l-applikanti u tal-persuna uffiċjalment inkarigata mill-organizzazzjoni volontarja jew xi dokument uffiċjali ieħor fin-nuqqas ta' Karta ta' l-Identita';

(ii) L-irċevuta/i fiskali oriġinali u l-invojsis kummerċjali konnessi ma' l-ispejjeż eliġibli involuti fl-attivita', proġett jew inizjattiva. Dawn id-dokumenti jridu jkunu awtentikati miċ-*Chairperson*/President/Amministratur ta' l-organizzazzjoni volontarja;

(iii) Fil-każijiet ta' proġetti ta' natura kapitali deskrizzjoni ċertifikata uffiċjalment minn perit bil-*warrant* li tikkonferma l-xogħlijiet minn din l-organizzazzjoni saru, f'dan il-lok, fit-tali data, u dan skond ir-regoli w il-liġijiet eżistenti u skond il-permessi neċessarji mill-MEPA u mid-Dipartiment tal-Artijiet kif meħtieġ, kif ukoll minn terzi persuni li l-kunsens tagħhom ikun meħtieġ;

(iv) Dokument uffiċjali maħruġ mis-Sindku jew Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill Lokali tal-Lokalita' jew minn xi awtorita' kompetenti oħra kif ikun il-każ fejn saret din l-attivita', proġett jew inizjattiva li tikkwalifika għal-għotja, liema dokument jikkonferma li tali attivita', proġett jew inizjattiva saret bil-kunsens u għas-sodisfazzjon tal-Kunsill Lokali jew tal-awtorita' kompetenti kif ikun il-każ;

(v) Kopja awtentika taċ-ċertifikat ta' Iskrizzjoni mal-Kummissarju għal Organizzazzjonijiet Volontarji maħruġ skond l-Att Dwar l-Organizzazzjonijiet Volontarji (Kap 492)

It-tagħrif personali mogħti fuq din il-formola huwa protett u użat skond l-Att Dwar il-Protezzjoni u l-Privatezza tad-Data.

It-tagħrif mogħti fuq din l-applikazzjoni ser jintuża mill-Ministeru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment u mid-Dipartiment tal-VAT.

Reference Number

Ministry of Finance, the Economy and Investment
Madame Desmandoles, South Street Valletta
(Tel: 21249640/5)

APPLICATION FOR A GRANT RELATED TO THE EXPENDITURE INCURRED BY A VOLUNTARY ORGANISATION IN ITS ACTIVITIES, PROJECTS AND INITIATIVES IN A LOCALITY IN MALTA

We _____ I.D. numbers _____ residing at

_____

_____

_____

_____

appearing on behalf of _____

wish to apply for a grant on the eligible expenditure directly related to activities carried out by this voluntary organisation in a locality in Malta as described hereunder (give a brief description of the activity/project/initiative involved and its location, giving the address):

_____

_____

_____

_____

_____

The official name and official address of the voluntary organisation are:

_____

_____

_____

This voluntary organisation is enrolled with the Commissioner of Voluntary Organisations in terms of the Voluntary Organisations Act (Act 492)

VO number _____

_____
Official rubber stamp of the voluntary organisation

Name, surname and ID card number of Chairperson/President/Administrator of such a voluntary organisation and his/her signature, denoting consent that such payment may be accordingly made as is being requested:

_____

_____

The activity/project/initiative carried out and described above was carried out during the period

(give dates) _____ and the total costs

involved were Euro _____

We are also submitting documentary evidence regarding such costs incurred, related to this request.

The VAT fiscal receipt/s number/s are _____

We are also stating that this voluntary organisation has already/not received other grant/s in connection with this scheme.

If in the affirmative quote particulars – the grant/s received, the initiative/s, project/s and activities involved, date/s involved and reference number/s:

_____

_____

_____

_____

_____

We request that payment of the grant will be made as follows:

Name _____

Address _____

_____

This grant shall not include any amount which would qualify to be claimed as a deduction of input VAT under the VAT Act (Cap. 406) or under the Income Tax Act. This voluntary organisation, as duly and legally represented, shall be held responsible for the claims made under the application.

The Ministry of Finance, the Economy and Investment may take any action to safeguard that no grant is made irregularly or where there is no right for such claim.

We declare that the details and the information in this application are correct. We also declare that this claim is final and that we are duly authorised to receive the payment on behalf of _____

_____	_____	_____	_____
Name of applicant	Designation w/in the vol. organisation	Signature	Tel. number
_____	_____	_____	_____
Name of applicant	Designation w/in the vol. organisation	Signature	Tel. number

Date _____

This application, together with all the relevant documents, is to be submitted/sent to the Ministry of Finance, the Economy and Investment, Madame Desmandoles South Street, Valletta, within three months from the date of terminations of the activity, project or initiative.

The following documents are required:-

(i) Copies of the I.D. cards of the applicants and of the person responsible for the voluntary organisation or, in the absence of an Identity Card, any other official document;

(ii) The original fiscal receipt/s and commercial invoice/s of the eligible expenditure related to the activity, project or initiative performed, authenticated by the Chairperson/ President/Administrator of the voluntary organisation;

(iii) In cases relating to projects of a capital nature, a certified description endorsed by a warranted architect, confirming the nature of works of capital nature carried out by this voluntary organisation in such locality, and on such a particular date, and this in conformity with all the existing rules and regulations, and in accordance with the necessary permits from MEPA and from the Land Department as applicable, and consent from third parties as may be required;

(iv) An official document issued by the Mayor or by the Executive Secretary of the Local Council of the locality, or from another competent authority as applicable, where the initiative/project/activity qualifying for the grant was performed, confirming that such initiative/project/activity was carried out as approved by, and to the satisfaction of the Local Council or of another competent authority as applicable

(v) An authenticated copy of the Certificate of Enrolment with the Commissioner of Voluntary Organisations in terms of the Voluntary Organisations Act (Cap 492).

Personal information provided on this form is protected and used in accordance with the Data Protection Act.

The information shown on this application form will be used by the Ministry of Finance, the Economy and Investment and the VAT Department.

Nru. 22

NUMRI ĠODDA TA' BIBIEN FIN-NAXXAR

Korrezzjonijiet

B'RIFERENZA għan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 868 tal-10 ta' Ottubru 2008, taħt it-titolu Numri ġodda ta' Bibien fin-Naxxar, għandhom isiru dawn il-korrezzjonijiet.

No. 22

RENUMBERING OF DOORS AT NAXXAR

Corrections

WITH reference to Government Notice No. 868 dated 10th October, 2008, under the title of Renumbering of Doors at Naxxar, the following corrections should be made.

NAXXAR

148. TRIQ SIR W. SCOTT

In-naħa tax-xellug meta tidħol minn Triq Birguma

Left side entering from Triq Birguma

Isem/Numru Qadim *Old Name/Number*	Numru ġdid *New Number*

In-naħa tal-lemin meta tidħol minn Triq Birguma

Right side entering from Triq Birguma

Isem/Numru Qadim *Old Name/Number*	Numru ġdid *New Number*
Dartina	4
Garaxx	6

Għandhom jinqraw
Should read

Isem/Numru Qadim *Old Name/Number*	Numru ġdid *New Number*
Garaxx	4
Dartina	6
Garaxx	8
Zahrina	10
Garaxx	12
Garaxx	14
One House	16
Garaxx	18
Bieb bla numru	20
Bieb bla numru	22
Garaxx	24

Nru. 23

NUMRI ĠODDA TA' BIBIEN F'BIRŻEBBUĠA

Korrezzjonijiet

B'RIFERENZA għan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 1008 tal-21 ta' Novembru 2008, taħt it-titolu Numri ġodda ta' Bibien f'Birżebbuġa, għandhom isiru dawn il-korrezzjonijiet.

No. 23

RENUMBERING OF DOORS AT BIRZEBBUGIA

Corrections

WITH reference to Government Notice No. 1008 dated 21st November, 2008, under the title of Renumbering of Doors at Birzebbugia, the following corrections should be made.

BIRŻEBBUĠA

2. TRIQ IL-BOROK

In-naħa tax-xellug meta tidħol minn Triq iċ-Ċief

Left side entering from Triq iċ-Ċief

Isem/Numru Qadim *Old Name/Number*	Numru ġdid *New Number*
58 Mon Repos	19
Garaxx	21
59 Watford	23
Garaxx	25
60 Capricorn	27
Garaxx	29
61 Marphil	31
62 Tresor D'Amour	33
Garaxx	35
63 Canvy	37
63 San Ġorġ	39

In-naħa tal-lemin meta tidħol minn Triq iċ-Ċief

Right side entering from Triq iċ-Ċief

Isem/Numru Qadim *Old Name/Number*	Numru ġdid *New Number*

Għandhom jinqraw
Should read

Isem/Numru Qadim *Old Name/Number*	Numru ġdid *New Number*
58 Mon Repos	19
Garaxx	21
Garaxx	23
59 Watford	25
Garaxx	27
60 Capricorn	29
Garaxx	31
61 Marphil	33
62 Tresor D'Amour	35
Garaxx	37
63 Canvy	39
63 San Ġorġ	41

It-13 ta' Jannar, 2009

13th January, 2009

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 2

Bis-saħħa tal-artikolu 52 (1) tal-Ordinanza dwar ir-Regolamenti tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-passaġġ ta' vetturi huwa pprojbit fit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Ix-Xagħra - Għawdex

Nhar il-Ħadd, it-18 ta' Jannar 2009 mit-8.00 a.m. mit-toroq li ġejjin: Pjazza Vittorja, il-Knisja, San Ġużepp, it-28 ta' April 1688, Pjazza San Anton u San Anton.

Huwa pprojbit l-ipparkjar fit-toroq imsemmija hawn fuq u vetturi misjuba pparkjati hemm jiġu rmunkati.

It-13 ta' Jannar, 2009

POLICE NOTICE

No. 2

In virtue of section 52 (1) of the Traffic Regulations Ordinance (Cap. 65) the Commissioner of Police hereby notifies that the transit of vehicles through the streets mentioned hereunder is prohibited on the date and times indicated.

Xagħra - Gozo

On Sunday, 18th January 2009 from 8.00 a.m. through the following streets: Pjazza Vittorja, il-Knisja, San Ġużepp, it-28 ta' April 1688, Pjazza San Anton and San Anton.

The parking of vehicles along the above streets is also prohibited and vehicles found parked there will be towed.

13th January, 2009

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 3

Il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li bis-setgħat mogħtija bl-Avviż Legali 94/97, it-toroq imsemmija hawn taħt se jkunu meqjusa bħala Żoni ta' Rmonk fid-data u l-ħinijiet indikati.

Bis-saħħa tal-artikolu 52 (1) tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-passaġġ ta' vetturi huwa pprojbit fit-toroq imsemmija hawn taħt fid-data u l-ħinijiet indikati.

Ir-Rabat (Malta)

Nhar is-Sibt, l-24 ta' Jannar 2009 bejn is-6.00 p.m. u nofsillejl mit-toroq li ġejjin: Misraħ il-Parroċċa, San Pawl u l-Kbira.

Vetturi li jiksru l-ordni ta' dan l-avviż jistgħu jiġu rmunkati.

It-13 ta' Jannar, 2009

POLICE NOTICE

No. 3

The Commissioner of Police hereby notifies that in terms of Legal Notice 94/97, the streets listed hereunder are to be classified as Tow Zones as indicated on the date and times hereunder.

In virtue of section 52 (1) of the Traffic Regulation Ordinance (Cap. 65) the Commissioner of Police hereby notifies that the transit of vehicles through the streets mentioned hereunder will be suspended or deviated on the date and times indicated.

Rabat (Malta)

On Saturday, 24th January 2009 between 6.00 p.m. and midnight through the following streets: Misraħ il-Parroċċa, San Pawl and il-Kbira.

Vehicles found in contravention of this notice are liable to be towed.

13th January, 2009

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 4

Il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li bis-setgħat mogħtija bl-Avviż Legali 101/97, it-toroq imsemmija hawn taħt se jkunu meqjusa bħala Żoni ta' Rmonk fid-data u l-ħinijiet indikati.

Bis-saħħa tal-artikolu 52 (1) tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-vetturi tas-sewqan ma jkunux jistgħu jgħaddu jew jieqfu fit-toroq imsemmija hawn taħt fid-data u l-ħinijiet indikati.

San Ġiljan

Nhar il-Ħadd, il-25 ta' Jannar 2009 bejn l-9.45 a.m. u n-12.30 p.m. mit-toroq li ġejjin: Lapsi, il-Kbira, Pjazza Qalb Imqaddsa u San Ġorġ.

Vetturi li jiksru l-ordni ta' dan l-avviż huma soġġetti li jiġu rmunkati.

It-13 ta' Jannar, 2009

POLICE NOTICE

No. 4

The Commissioner of Police hereby notifies that in terms of Legal Notice 101/97, the streets listed hereunder are to be classified as Tow Zones as indicated on the date and times hereunder.

In virtue of section 52 (1) of the Traffic Regulation Ordinance (Cap. 65) the Commissioner of Police hereby notifies that the transit and the stopping of vehicles through the streets mentioned hereunder is prohibited on the date and times indicated.

St Julian's

On Sunday, 25th January 2009 between 9.45 a.m. and 12.30 p.m. through the following streets: Lapsi, il-Kbira, Pjazza Qalb Imqaddsa and San Ġorġ.

Vehicles found in contravention of this notice are liable to be towed.

13th January, 2009

OĠĠETTI MISJUBA U KKONSENJATI LILL-PULIZIJA

Din li ġejja hija lista ta' oġġetti misjuba u kkonsenjati lill-Pulizija f'Malta u Għawdex skond l-artikolu 564 tal-Kodiċi Ċivili, Kap. 16.

Uffiċċju Prinċipali tal-Pulizija
Il-Furjana.

John Rizzo
Kummissarju tal-Pulizija.

Lista ta' oġġetti misjuba u kkonsenjati lill-Pulizija f'Malta u Għawdex matul il-perjodu Ottubru, Novembru u Diċembru 2008.

DATA	DESKRIZZJONI TAL-OĠĠETTI	ISEM TA' MIN SAB L-OĠĠETTI
15.10.08	Mutur *outboard*	Gerrada Micallef
17.10.08	*Mobile phone*	PS 1145 D. Sammut
17.10.08	Kamera tar-ritratti	Susan Robert
17.10.08	Kartiera/Flus	Alex Borg
24.10.08	Kartiera/Flus	Carmelo Farrugia
24.10.08	*Mobile phone*	Mario Mintoff
24.10.08	Kartiera/Flus	James Mifsud
24.10.08	Arloġġ tal-idejn	Elise Ann Mifsud
24.10.08	Arloġġ tal-idejn	Maria Porsella Flores
24.10.08	Portmoni/flus	Stephine Camilleri
24.10.08	Flus	Tania Maria Vella
31.10.08	*Video camera*	Josephine Ann Scerri
31.10.08	*Mobile phone*	Carmelo Pace
07.11.08	Portmoni/flus	Henri Pierre Alain
07.11.08	Basket b'affarijiet personali	Patrick Pisani
19.12.08	*Petrol pump button*	Gracie Buhagiar

It-13 ta' Jannar, 2009

13th January, 2009

OĠĠETTI MISJUBA U KKONSENJATI LILL-PULIZIJA

Din li ġejja hija lista ta' oġġetti misjuba u kkonsenjati lill-Pulizija f'Malta u Għawdex skond l-artikolu 564 tal-Kodiċi Ċivili, Kap. 16.

Uffiċċju Prinċipali tal-Pulizija
Il-Furjana.

John Rizzo
Kummissarju tal-Pulizija.

Lista ta' oġġetti misjuba u kkonsenjati lill-Pulizija f'Malta u Għawdex matul il-perjodu Lulju, Awissu u Settembru 2008.

DATA	DESKRIZZJONI TAL-OĠĠETTI	ISEM TA' MIN SAB L-OĠĠETTI
04.07.08	Ċurkett	Albert Attard
18.07.08	Ġiżirana bil-pendent	Ronald Azzopardi Caffari
18.07.08	Ċurkett	Helen Leone Ganado
25.07.08	*Mobile phone*	Concetta Montanaro
25.07.08	Kartiera u flus	Renee Leonarde Gilis
08.08.08	*Handbag* li fih portmoni, flus, kosmetiċi, pakkett sigaretti u ċwievet	Terri Heckenlaible
08.08.08	Flus	WPC 205 Tania Borg
08.08.08	Flus	Nadia Scerri
08.08.08	*Haversack* li fih xugaman, malji, *goggles* u ġiżirana	Maria Stella Mifsud
08.08.08	Kamera tar-ritratti, xugaman u flus	James Spiteri
22.08.08	Ġiżirana	Paul Anthony Borg
22.08.08	Kamera tar-ritratti	Josephine Falzon
22.08.08	Kamera tar-ritratti	Nadine Gatt
22.08.08	Arloġġ tal-idejn	Frances Loise Skeezenek
22.08.08	*Harpoon*	Emanuel Debono
22.08.08	Kartiera, *credit cards* u flus	Jean Pearson
22.08.08	*Mobile phone*	Roelia Inge Pietà
25.08.08	Kamera tar-ritratti	Miriam Kashai
29.08.08	*Haversack* bil-malji	Adrian Bonello
05.09.08	Faċċata ta' *stereo* tal-karozzi	James De Cesare
12.09.08	*Walking stick*	Marie Louise Agius
12.09.08	DVD *player*	Alfred Camenzuli
12.09.08	Kartiera bil-flus	Angelo Gatt
12.09.08	PSP	PS549 Reuben Pace
26.09.08	Nuċċali tal-vista	Lorenzo Schembri

It-13 ta' Jannar, 2009

KUNSILL LOKALI SAN PAWL IL-BAĦAR

Il-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar jgħarraf lill-pubbliku li minħabba xogħol ta' kostruzzjoni, Dawret il-Gżejjer minn quddiem il-moll ta' Buġibba sal-pjazza se tkun magħluqa għas-servizz tat-trasport pubbliku kif ukoll għall-karozzi privati nhar il-Ħamis, 15 ta' Jannar 2009 kif ukoll il-Ġimgħa 16 ta' Jannar 2009 mid-9.00 a.m. sal-5.00 p.m. It-trasport pubbliku se jgħaddi minn Triq il-Ħalel fiż-żewġ direzzjonijiet.

It-13 ta' Jannar, 2009

13th January, 2009

SAN PAWL IL-BAĦAR LOCAL COUNCIL

The San Pawl il-Baħar Local Council notifies the general public that due to construction works, Islet Promenade from Buġibba jetty till Bay Square shall be closed for public transport buses as well as for private cars next Thursday 15th January 2009 and Friday 16th January 2009 between 9.00 a.m. and 5.00 p.m. Public transport shall be diverted both ways from Triq il-Ħalel.

13th January, 2009

KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU

Postijiet ta' *Medical Officer (General Practice Trainee)* fil-Ministeru għall-Politika Soċjali (Dipartiment tas-Saħħa)

Skont klawsola 3.1 tal-Ftehim Kollettiv kurrenti, nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil.

Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tilqa' applikazzjonijiet mingħand *medical practitioners* kwalifikati għall-postijiet ta' *Medical Officer (General Practice Trainee)* fil-Ministeru għall-Politika Soċjali (Dipartiment tas-Saħħa).

2.1 Il-kandidati magħżula jinħatru *Medical Officers (General Practice Trainees)* fi Skala ta' Salarju Nru. 8 b'salarju ta' €16,919 fis-sena li jiżdied b'€486.83 fis-sena sa massimu ta' €19,840 u jkunu meħtieġa li jattendu programm ta' taħriġ ta' tliett snin li jkun maqsum fi tmintax-il xahar ta' taħriġ speċifiku dedikat fi sptar jew klinika approvata u tmintax il-xahar f'*general medical practice* fi klinika privata approvata jew Ċentru tas-Saħħa pubbliku. Uffiċjali Pubbliċi fil-grad ta' *Medical Officer* fi Skala ta' Salarju Nru. 7, jekk jintagħżlu, iżommu s-salarju tagħhom fuq bażi personali.

2.2 Wara li ttemm b'suċċess il-programm ta' taħriġ ta' tlett snin imsemmi hawn fuq u tikseb iċ-ċertifikat relevanti mill-i*Specialist Accreditation Committee* il-persuna fil-grad ta' *Medical Officer (General Practice Trainee)* tinħatar *Medical Officer (General Practice)* fi Skala ta' Salarju Nru. 7 b'salarju ta' €18,058 fis-sena li jiżdied b'€531 fis-sena sa massimu ta' €21,244.

